# PJANTI TA' L-AGĦDAJJAR MIELĦA

Fejn l-ilma ħelu tal-widien jiltaqa' mal-baħar, jifforma ambjent b'agħdajjar baxxi u tajn li l-ilma tagħhom ikun mielaħ. Peress li l-ammont ta' ilma f'ambjenti bħal dawn ivarja ħafna matul is-sena għax jiżdied fix-xitwa u jonqos fis-sajf, insibu li s-salinita' (jiġifieri l-ammont ta' melħ) tvarja ħafna wkoll.

Minħabba f'hekk dan ix-xorta ta' ambjent hu diffiċli ħafna għall-ħajja u għalhekk insibu li l-ħlejjaq li jgħixu fih għandhom kwalitajiet li jippermettulhom jissaportu dawn il-kondizzjonijiet.

L-akbar problema li għandhom il-ħxejjex f'dan l-ambjent hija li meta l-ilma ta' madwarhom ikun mielaħ iż-żejjed, il-pjanti minflok li jieħdu l-ilma, x'aktarx li jitilfu l-ilma għal barra. Għalhekk insibu li ħafna mill-ħxejjex ta' dawn *l-agħdajjar mielħa* spiss ikunu mlaħħmin għaliex ikollhom ċelluli li fihom jaħżnu l-ilma. Naraw għalhekk li dawn il-ħxejjex minkejja l-fatt li jinstabu f'ambjent umdu, jixbħu ħafna lill-pjanti tad-deżert.




ALMERIDJA - *Salicornia ramosissima*
**Pjanta għada żgħira mill-Għadira**

Ħafna minn dawn il-pjanti insibuhom jikbru mad-dawra ta' l-agħdajjar u fosthom insibu l-ALMERIDJA (*Salicornia ramosissima* -**Glasswort**), pjanta mlaħħma pjuttost stramba li tidher qisha z-zkuk tagħha maqsumin f'bosta segmenti. Dawn is-segmenti iżda huma l-weraq imlaħħma li jiksu z-zokk kompletament. Din ix-xorta ta' Almeridja hija pjanta annwali jiġifieri li tgħix minn sena għall-oħra permezz taż-żerriegħa biss. Aktar 'il barra mill-għadira u wkoll fuq blat fil-qrib insibu Almeridja xorta oħra (***Arthrocnemum glaucum***) li hija perenni jiġifieri li tista' tgħix għal bosta snin. Niltaqgħu wkoll ma l-GĦOBBEJRA TA' L-IRMIED jew SWEJDA (*Suaeda maritima* - **Seablite**), pjanta mlaħħma oħra bil-weraq daqsxejn kaħlanin. Pjanta komuni ħafna hija x-XORBETT (***Inula crithmoides*** - **Golden Samphire**) li tinsab fl-ambjenti mielħa kollha. Din ukoll hija pjanta mlaħħma li fis-Sajf timtela' bi fjur isfar.

Ħafna mill-ħxejjex ta' dan l-ambjent jikbru fl-ilma. Il-pjanti ta' l-ilma kemm jekk huma ta' l-agħdajjar mielħa kif ukoll dawk li jikbru f'ambjenti bl-ilma ħelu, nistgħu naqsmuhom f'żewġ tipi. Hemm dawk li huma IMMERSI, jiġifieri dawk li jkunu mgħaddsin fl-ilma, u dawk li huma EMERĠENTI li huma dawk illi l-egħruq u l-partijiet t'isfel biss ikollhom taħt l-ilma.

Fost il-pjanti immersi nsibu r-RUPPJA (*Ruppia* sp., - **Tassel Pondweed**) li tagħha nsibu almenu żewġ kwalitajiet. Din għandha weraq irqiq ħafna u tagħmel frott żgħir li jaqa' fil-qiegħ ta' l-għadira. Meta jonqos l-ilma jew tinxef l-għadira, dan il-frott ġieli jeħel ma' saqajn l-agħsafar li b'hekk ixerrdu din il-pjanta għal ambjenti oħra simili.




RUPPIA - *Ruppia maritima*
**Pjanta mis-Salini bil-frott.**




SIMAR - *Juncus maritimus*
**Il-parti ta' fuq taz-zokk tal-fjuri.**
Pjanta minn Marsaxlokk

Insibu wkoll diversi ALGI li huma pjanti bi struttura sempliċi u li ma jagħmlux fjur. L-aktar li naraw huma algi li għandhom għamla ta' xagħar aħdar. Fost il-pjanti emerġenti nsemmu s-SIMAR (**Rushes**) li tagħhom hawn ħafna speċi. L-aktar li nsibu huwa l-*Juncus subulatus* fit-tramuntana u *Juncus maritimus* fix-Xlokk. F'ambjenti mielħa nsibu wkoll il-il-*Juncus acutus* li għandu weraq dritt, ibsin u bil-ponta tnigges ħafna. Wieħed għandu joqgħod attent minn din ta' l-aħħar għax faċilment jista' jweġġa' biha. Fl-agħdajjar mielħa kollha nil-taqgħu wkoll mal-QASBET IR-RIĦ (*Phragmites australis* - Common Reed).

L-għadira mielħa hija ambjent li fil-Gżejjer tagħna qiegħed jinqered. L-akbar waħda u l-aktar importanti, dik tal-Marsa, ġa ġiet meqruda bosta snin ilu (mill-1861 'il quddiem) u ħafna ħxejjex li kienu magħrufa li jinstabu hemm issa spiċċaw.

Il-Marsa kif inhi l-lum bilkemm baqgħet ambjent mielaħ, biss kultant ifeġġu xi ħxejjex li jfakkruna f'dak li kienet fil-passat. Spiċċaw ukoll agħdajjar simili li kien hemm l-Imsida, ta' Xbiex, Balluta u San Ġiljan. F'Għawdex tista' tgħid li dan l-ambjent inqered kważi għall kollox u nsibu biss ħjiel li kien hemm ambjenti bħal dawn f'postijiet bħal Marsalforn, id-Dwejra, u r-Ramla. L-uniċi agħdajjar mielħa li fadal huma s-Salini, l-Għadira u Marsalxlokk li kollha kemm huma ġew disturbati ħafna mill-bniedem. Dawn l-ambjenti hemm bżonn li nħarsuhom. Fi sforzi li saru bħala riżultat tal-kopera-zjoni bejn is-Soċjetà Ornitoloġika (MOS) u s-Soċjetà għall-Istudju u l-Ħarsien tan-Natura (SSCN), sar minn kollox sabiex l-għadira mielħa li hemm fir-Riserva ta' l-Għadira, tiġi mħarsa. U hemm bżonn sforzi oħra biex isir dak kollu possibli ħalli l-ftit ambjenti ta' dan it-tip li baqgħalna, ngħożżuh u nħarsuh qabel jinti-lef għal kollox.

EDWIN LANFRANCO